

# Monument iddedikat lill-Markiża Buġeja

Tagħrif miġbur minn Keith Muscat

Nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Settembru 2016, il-Pawlini nġabru għadd-dell tat-Torri San Pawl, fi Triq San Franġisk, biex jagħtu tislima xierqa lil akbar benefattriċi li qatt kellhu San Pawl il-Baħar – il-Markiża Anna Buġeja. Fl-opinjoni tiegħi il-Markiża tat żewġ rigali kbar lill-lokalita' tagħna; l-ewwel hija l-bini u tagħmir tal-knisja li aktar tard saret parroċċa u t-tieni l-preżenza fil-lokalita' tagħna tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali li għamlu u għadhom qed jagħmlu ġid kbir fir-raħal tagħna u l-parroċċi li ħarġu minnhu. Qajla kien jgħaddi minn moħħ il-Markiża, jew in-nies li kienu jgħixu fil-bidu tas-Seklu Għoxrin, li mill-Parroċċa ta' San Pawl il-Baħar kienu se joħorġu dik ta' Burmarrad (1971), tal-Manikata (1975) u tal-Qawra (2004). Bil-ġest tat-twaqqif tal-kunvent f'San Pawl il-Baħar fl-1905, il-kommunita' tal-Patrijiet Franġikani Konventwali f'Malta saret provinċja awtonoma billi nqatgħet minn dik ta' Sqallija.



***Ritratt meħud mis-sit tad-Dipartiment tal-Informazzjoni***

Għalhekk kien tassew ħseib tassew nobbli li bl-inizjattiva tal-Kommunita' tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali f'San Pawl il-Baħar, flimkien mal-Istitut Soċjo-Kulturali San Pawl, propju fiċ-ċentinarju mill-mewt tal-Markiża Buġeja, jitwaqqaf monument f'ġieħha. Dan ix-xogħol sabiħ fil-bronż, li nħadem mill-iskultur rinomat Anton Agius, ġie inawgurat uffiċjalment mill-President ta' Malta, l-Eċċellenza Tagħha Marie Louise Coleiro Preca.

**Min kienet il-Markiża Anna Buġeja?**

Anna Bugeja, bint Filippo Darbois u Camilla Henoque, twieldet f'Napli fl-1830. Camilla, omm Anna, twieldet f'Marsilja fil-25 ta' Marzu 1804, bint Gio Batta Henoque u Antonio Ferro. Tgħallmet il-mużika u l-kant fil-konservatorju ta' Pariġi taħt it-tmexxija tal-magħruf mużiċista Heriz, u fi żmien qasir saret pjanist u sopran mill-aqwa. Fl-1924, meta' kellha 20 sena, iżżewġet lin-negozjant Filippo Darbois u ma' tul iż-żwieġ tagħha kellha tlett itfal, fosthom lil Anna u Camillo.

Missier Anna miet ta' eta' żgħira, fl-1829, u ommha wara biss ħames snin miżżewġa sfat armla. Ħalliet Napli u bdiet il-karriera teatrali, bid-debutt tagħha jkun fit-Teatru San Carlo. Minnufih kisbet il-fama ta' waħda mill-aħjar kantanti tal-opra, u għalhekk wara stedina tal-imġreżarju Salvatore Amore, ma damitx ma dehret ukoll fuq il-palk tat-Teatru Manoel meta' ttellgħet l-opra L'Esule di Roma ta' Donizetti. Wara l-1830 hija baqgħet dejjem iżżomm il-parti ta' Prima Donna għal tnax-il sena sħaħ u fost l-opri li ħadet sehem fihom insibu n-Norma, Don Giovanni,

Beatrice di Tenda, I Puritani, Lucrezia Borgia, Lucia di Lamermoor u oħrajn. Camilla, fl-1832 ħadet sehem fl-opra Lodoviska tal-awtur Malti, Vincenzo Bugeja.

Camilla waqfet mill-karriera teatrali fl-1841 u fl-20 ta' Diċembru żżewġet lil Domenico Amore. Hija mietet fil-11 ta' Frar 1878 fl-għomor ta' 74 sena, fid-dar nru. 12, Triq Zaccaria, fil-Belt Valletta. Il-funeral tagħha, li għalieh attendew ħafna nies, sar l-għada fil-Knisja ta' San Duminku u wara ndifnet fiċ-ċimiterju ta' l-Addollorata.

Fuq it-tfulija ta' Anna ftit għandna tagħrif. Wisq probabli li ġiet toqgħod Malta ma' ommha. Mit-testment tar-raġel tagħha, li sar fit-18 ta' Settembru 1890, quddiem in-Nutar Achille Micallef, sirna nafu li twieldet Napli. Wisq probabli li ltaqgħat mar-raġel tagħha, Vinċenzo Bugeja, fit-teatru meta kienet tmur ma' ommha. Vincenzo kien iben in-negozjant Carlo, residenti l-Belt Valletta. Fis-26 ta' April 1851, huma kienu għamlu l-konvenzjoni matrimonjali quddiem in-Nutar Giuseppe Metropoli u kienu jgħixu l-Belt Valletta, f'nru. 10, Strada Bastione, Santa Barbara.

Fl-24 ta' Lulju 1873, ir-raġel tagħha, flimkien ma' l-Onor. Ferdinando Inglott iltaqgħu mal-Papa Piju IX fejn tkellmu dwar l-idea ta' Vincenzo li jibni Konservatorju f'Malta għat-tfal iltiema. Warajhom il-Papa ltaqa ma' Anna u l-mara ta' Inglott u komplew jitkellmu fuq dan il-proġett. Il-pjanti tal-konservatorju ġew imħejjija Ruma mill-Konti Vespignani, l-perit tal-Papa Piju IX, kif tgħid l-iskrizzjoni li hemm fuq il-ġenb tal-ewwel ġebla tal-konservatorju. It-tqegħid tal-ewwel ġebla sar fl-20 ta' April 1876 minn Lady Van Straubenzee. F'din l-okkażżjoni il-Gvernatur Sir Charles T. Straubenzee sellem lis-Sinjura Bugeja u qal li 'mpossibli taħseb li bniedem jagħmel ħaġa hekk kbia u tajba mingħajr l-appoġġ ġeneruż tal-mara tiegħu'.

Mid-diskorsi li saru dak in-nhar tal-ftuħ tal-Conservatorio Vincenzo Bugeja, li dak iż-żmien kien jagħmel mal-Ħamrun, nhar it-18 ta' Mejju 1880 tidher l-istima li kellhom il-kelliema lejn Anna u x-xogħol tagħha mal-foqra. Isejħulha twajba l-Onor. Carlo M. Muscat u Sir Antoine Micallef. Il-Professur N. Zammit, meta ġie għall-aħħar dikskors tiegħu qal : "Nitbaxxew fir-rispett quddiem dik, li ma tafx bil-vanita' ta' żmienna, m'għandiex f'moħħa ħlief lil Alla u l-fqar tiegħu." U l-membru tal-Kunsill tal-Gvern, l-Onor. Cachia Zammit iselmilha u jistqarr li fiha "il-moħħa u l-qalb huma magħquda biex itaffu t-tbatijiet tal-umanita."

F'din l-okkażjoni kienet inqrat poeżija bit-Taljan, miktuba mill-Avukat Paolo Manara, f'ġieh is-Sinjura Bugeja, fejn jistqarr li l-iskop ta' ħajjitha huma l-fqar. Din l-imħabba u l-għajnuna tal-Markiża lejn il-foqra, wieħed jista' jarha fir-reġistru 'spese personali' tagħha tal-1895 li fih imniżżel l-ammont ta' flus li kienet toħroġ għall-foqra.

Ir-raġel tas-Sinjura Buġeja, Vincenzo, kien Kavallier tal-Ordni ta' San Mikiel u San Ġorġ u Kummendatur tal-Kbir Ordni tas-Santo Sepolco. Hu u l-mara ġew mgħollija għad-dinjita' ta' Markiż u Markiża mill-Papa Ljun XIII fis-sena 1883, bħala rikonoxximent tat-twaqqif tal-Konservatorju. Il-Papa bagħat ukoll gamew magħmul mid-deheb, permezz tal-Isqof ta' Portshmouth, Giovanni Virtue.

Fit-18 ta' Settembru 1890, il-Markiż u l-Markiża Bugeja għamlu t-testment quddiem in-Nutar Achille Micallef. Fost l-affarijiet li l-Markiż ħalla lil martu hemm is-salib tal-Malakita li kien xtara hu f'Pietroburgo, aktar tard dan is-salib ġie rregalat mill-Markiża lill-Parroċċa tagħna u għadu jista' jitgawda sal-llum. Ħalla £10 lis-Santwarju ta' San Pawl u £10 lill-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu., fost it-43 knisja li gawdew mit-testment tiegħu u 10 f'Għawdex.

Fl-Att tal-fondazzjoni tal-Konservatorju Vincenzo Bugeja, li sar quddiem in-Nutar Francesco Saverio Camilleri, fl-4 ta' Diċembru 1880, ried li hu u l-mara jindifnu fil-kappella tal-konservatorju u jekk imutu barra minn Malta, l-kadavri tagħhom jinġiebu biex jindifnu fl-imsemmija kappella. Fil-kappella, li hija ddedikata lil San Vincenz Ferreri (li fiha nsibu l-pittura ta' dan il-qaddis tal-pittur Kav. Domenico Brusali minn Ruma) hemm żewġ sarkofagi u fuqhom hemm bust tal-irħam tal-Markiż u l-Markiża, magħmula mill-Kav. Komm. Tito Angelini minn Napli. Il-bust tal-Markiża sewa £100 u tal-Markiż £80. Il-Markiż miet fis-6 ta' Settembru 1890 fl-eta' ta' 69 sena.

Ir-rabta tal-Markiż u l-Markiża ma' San Pawl il-Baħar bdiet bħal ta' bosta nies nobbli oħra u dan billi kellhom post tal-villeġġjatura fil-lokalita'. Huma bnew dan il-post, flimkien ma' ġnien imdaqqas, fi Triq it-Torri, madwar 10 snin qabel inbniet il-knisja.

Il-ġrajja ta' kif il-Markiża bniet il-knisja ddedikata lil Marija Addollorata u ma' ħallieta nieqsa minn xejn hija magħrufa u mhux l-iskop li noqod nirrepeti din l-istorja. Hija kienet benefattriċi kbira mar-raħal tagħna kemm fil-bżonnijiet materjali, kif ukoll fil-bżonnijiet spiritwali.

Hija mietet fid-dar tagħha tal-Belt Valletta, fis-17 ta' Marzu 1916, fis-6.30pm, fl-eta' ta' 86 sena. Il-funeral tagħha sar f'forma privata. Fuq il-qabar tagħha, fil-kappella tal-Konservatorju Vincenzo Bugeja, hemm din l-iskrizzjoni :

*Consorte al Fondatore*
*E Fondatrice*
*Di Questo – Pio – Asilo*
*Della Innocenza e della sventura*
*Anna Bugeja*
*Da Questo Avello*
*Aspetta la risurezione e la vita*
*Promesse alla virtu'*
*E alla Beneficenza*
*Ella passo' da qiesto esilio*
*Il Di 17 Marzo 1916*
*All' eta' di anni 86*
*Spesi s'condo Dio e il suo cuore*

*Auspicium melioris Aevi*

Fis-sala l-kbira tal-Konservatorju hemm żewġ kwadri, wieħed ta' Vincenzo Bugeja, pittura ta' Ġiuseppe Cali' u l-ieħor tal-Markiża Anna Bugeja, pittura ta' Giorgio Bonavia. Kwadru ieħor tal-Markiża jisab fil-parroċċa ta' San Pawl il-Baħar. Il-pittura hija tas-sena 1872 u mill-libsa tal-bellus li tidher fil-pittura, saret pjaneta vjola li għandha kkonservata fil-parroċċa.

B'tifkira tas-75 sena mit-twaqqif tal-parroċċa, propju nhar id-9 ta' April 1980, il-Provinċjal P. Elija Vella, nnawgura monument biex ifakkar dan l-anniversarju u jagħti ġieħ lil Markiża Anna Bugeja. Il-Monument sar fuq disinn ta' P. Dumink Bonello u l-kliem ta' fuqu ħa ħsieb jinsiġhom P. Joseph Cilia u nħadem mid-ditta E.S. Grech Marbel Works tal-Marsa. Dan jinsab fejn illum hem mil-kappellun tal-Kurċifiss. Fuq in-naħa ta' wara tal-Knisja insibu wkoll l-arma ta' kunjom il-Markiża, filwaqt li f'San Pawl il-Baħar issemmiet triq għal din il-benefattriċi.